# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-8 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Viċi Sindku ppresjeda l-laqgħa.

**08.01 Talba**

08.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mill-Viċi Sindku.

**08.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

08.02.01 Il-Viċi Sindku informa li iktar kmieni llum, is-Sindku avżat li ma tistax tattendi din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**08.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 07**

08.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 07 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Ghigo ppropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**08.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

***(Din l-item fuq l-Aġenda kellha tinqabeż peress li s-Sindku ma kienetx preżenti fil-laqgħa.)***

**08.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

08.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandnix xi risposta dwar il-viżita mill-Kunsill Lokali lill-Imqabbin li jinsabu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-S.E. qalet li ġejna infurmati li l-viżita tista issir biss mill-qraba jew ħbieb tal-priġunieri fejn minħabba protezzjoni tad-data, dawn tal-aħħar jagħtu n-numru ta' kuntatt tagħhom biex il-priġunieri jkunu jistgħu jikkuntattjawhom. F'każ li l-priġunieri ma jkunux ġew sentenzjati, il-qraba/ħbieb tal-priġunieri jkun jridu jikkomunikaw mal-Ispettur.

08.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandnix risposta mingħand l-Iskultur Imqabbi Antoine Farrugia dwar il-ġebel il-kbir li hemm fl-Isptar il-Qadim. Is-SE infurmat li hija tkellmet ma' Antoine, fejn minkejja li għall-ewwel kien interessat fl-imsemmi ġebel, huwa infurmana li minħabba raġunijiet personali mhux se jieħdu. Il-Viċi Sindku kompla li huwa wkoll tkellem ma' Antoine fejn talab l-opinjoni tiegħu dwar jekk l-imsemmi ġebel hux addattat li jitpoġġa fil-ġnien f'Misraħ il-Fidwa, u r-risposta kienet li l-ġebel jista' jitpoġġa

hemm. Il-Kunsillieri iddiskutew fit-tul dwar l-imsemmi ġebel u kien hemm qbil li jiġi ċċekkjat jekk jistax jinżamm temporanjament fil-ġardina tal-Isptar il-Qadim, filwaqt li jiġi ċċekkjat ukoll mal-Perit tal-Kunsill jekk jistgħux jiġu nklużi fid-diżinn tal-proġett tal-Ġnien ta' Misraħ il-Fidwa.

08.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-tabella tal-iskart fi Triq id-9 t'April 1942 fejn temporanjament saret waħda *laminated*. Is-S.E. infurmatu li t-tabella ordnata u se tiċċekkja fhix waslet. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

08.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa għaliex il-lampa tat-triq fuq arblu fi Triq San Mikiel kif iddur eżatt minn Triq id-9 t'April 1942, mhux qed tkun mixgħula u tidher li mhix imqabbda. Is-S.E. infurmatu li sa ftit ilu kienet qed tixgħel u ser tiċċekkja dwarha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

08.05.05 Il-Kunsillier Galea semma l-lampa tat-triq fi Triq iż-Żurrieq li ilha madwar xahrejn irrappurtata. Is-S.E. infurmatu li mill-Enemalta infurmawna *b'email*, fejn il-Kunsillieri kienu kkupjati wkoll, li l-lampa ssewwiet. Il-Kunsillier Galea qal li minkejja dan, propju nhar il-Ħadd, resident qallu li ġew issewwuha iżda din xorta baqgħet ma xegħelitx. Huwa semma li hemm lampa oħra fi Triq il-Qrendi li wkoll għadha ma xegħelitx minkejja r-rapport. Is-S.E. infurmatu li se ssegwi dawn iż-żewġ każijiet. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa wkoll li l-*istreet lighting* fit-toroq arterjali, speċjalment Triq il-Konvoj, għandhom jiġu enumerati, u kien hemm qbil mill-Kunsillieri li għandna niċċekkjaw dwar dan.

08.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-*reinstatement* tas-servizz tad-drenaġġ privat fi Triq il-Qattara. Is-S.E. wieġbet li l-kuntrattur privat li wettaq ix-xogħol, ġie kkuntattjat mill-Kunsill kemm verbalment kif ukoll permezz ta' *email*, u anke sar rapport mal-Pulizija, iżda minkejja dan, sal-lum it-trinka għadu m'għalaqhix. Is-S.E. infurmat li, kif kienet qalet anke s-Sindku, se tikteb lill-avukat tal-Kunsill sabiex jiggwidana hu rigward dan il-każ. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar is-*CCTV Cameras* li ġew installati fil-Pjazza tal-Knisja. Is-S.E. spjegat li dawk huma *cameras* li ġew installati mill-*bidder* li ħa t-*tender* li kien ħareġ ir-Reġjun f'isem il-Kunsilli fi ħdanu li kienu interessati fit-tali *cameras*. Fir-raħal għandna 4 positjiet fejn dawn ġew installati – fi Ġnien Tfal ir-Raħal, fi Ġnien Missjoni ż-Żgħira, faċċata tal-*iBins* fi Triq il-Barrieri u fi Pjazza tal-Knisja. Fil-każ ta' dawk installati fil-Pjazza, dawn ġew installati mal-ħajt tal-uffiċċju parrokkjali, propju fuq suġġeriment tal-Inġinier li ħa t-*tender*, u li wara li tkellimna mal-Kappillan, dan ma sabx oġġezzjoni li jsir jeħlu hemm. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dawn il-*cameras*, u kien hemm qbil li għandna niċċekkjaw mar-Reġjun jekk hux possibbli li dawk tal-Pjazza ma jibqgħux tnejn fl-istess post, iżda jitqassmu mal-Pjazza. Is-S.E. infurmat lill-Kunsillieri li minkejja li hi se tiċċekkja kif mitlub, dan x'aktarx li mhux se jkun possibbli, kemm peress li kien hemm konferma fil-leġislatura preċedenti biex jiġu nstallati f'dak il-post, apparti li l-installazzjoni kellha ssir sa mhux iktar tard minn Novembru 2024. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

08.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar x'inhi s-sitwazzjoni fir-rigward tal-manutenzjoni tal-lampi tat-triq tal-kuntrattur. Is-S.E. infurmat li s'issa għadna qed naħdmu bl-istess mod u *cioè* ma' *Nexos*. Il-Kunsillier Sciberras kompla li sfortunatament ċertu lampi qed idumu biex jiġu msewwija, fosthom fi Triq it-Torri Vinċenti, fejn fl-istess triq hemm ukoll arblu tad-dawl immejjel u perikoluż. Is-S.E. talbitu jgħaddilha d-dettalji tal-lampi li għadhom ma

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


ssewwewx, filwaqt li rigward l-arblu perikoluż, se tiċċekkja mal-Enemalta. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar id-*drop kerbs* li kien hemm qbil li jsiru fi Triq Santa Katerina u fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. infurmatu li l-ordni tax-xogħol intbagħtet u l-kuntrattur infurmana li se jkun qed jaħdem fuqhom wara l-festi u *cioè* f'Jannar. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-installazzjoni ta' lampi ġodda fuq arbli, fejn irrefera għal dik li kien hemm qbil li ssir f'Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika. Is-S.E. spjegat il-proċess sabiex l-ewwel jiġi nstallat l-arblu tad-dawl, fejn eventwalment imbagħad tkun tista' tiġi nstallata l-lampa miegħu u tintbgħat l-*STL* biex il-lampa titqabbad mill-Enemalta. Hija kompliet li ser titkellem mal-perit dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

08.05.11 Il-Kunsillier Ghigo staqsa jekk hux possibbli li jiżdied il-vultaġġ ta' lampa tat-triq mal-ħajt fi Triq Santa Katerina kważi faċċata ta' Triq il-Kileb, għaliex mhux qed turi biżżejjed. Il-Viċi Sindku informa li s-Sindku diġa' tkellmet dwar dan ma' Nexos fejn is-soluzzjoni hija li tiġi nstallata lampa oħra biex jiżdied id-dawl. Madanakollu fl-eqreb post, minħabba li hemm gallarija ta' residenza, ma tistax tiġi nstallata lampa ġdida u allura jinħtieġ li jinstab post alternattiv. Waqt il-laqgħa ċemplet is-Sindku, li xorta kienet qed issegwi l-laqgħa, u infurmat li qed tistenna risposta mingħand Nexos dwar jekk tistax tiġi nstallata lampa ġdida fuq l-arblu eżistenti li hemm fi Triq Santa Katerina faċċata ta' Triq il-Mitħna. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

08.05.12 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar jekk twaħħlitx it-tabella tal-iskart fi Triq Valletta. Is-S.E. ikkonfermat li t-tabella twaħħlet u li se tibgħatlu ritratt li juri dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**08.06 Estimi Finanzjarji 2025 – DRAFT**

08.06.01 Il-Viċi Sindku semma li propju qabel din il-laqgħa, saret il-laqgħa pubblika rigward l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2025. Bħala attendenza kien hemm preżenti żewġ residenti. Il-laqgħa tmexxiet kif kien pjanat fejn inqara u ġie spjegat id-*draft* tal-Baġit. Huwa kompla li wara kien hemm ħin ukoll biex ir-residenti jagħmlu l-kummenti tagħhom. Is-S.E. infurmat ukoll li l-imsemmi Baġit għandu jiġi ffinalizzat appena l-Kunsill jirċievi x'allokazzjoni ser jingħata għas-sena li ġejja fejn imbagħad dan jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**08.07 Milied 2024**

08.08.01 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-Mixgħela tal-Pjazza li ttellgħet fl-aħħar ta' Novembru 2024 fejn qal li fl-opinjoni tiegħu minkejja li ma kienx hemm attendenza kbira, morna tajjeb u min kien preżenti ħa gost. Il-Kunsillieri qablu u semmew li t-*train* intlaqat tajjeb filwaqt li kien hemm ħafna kliem ta' tifħir dwar id-dawl dekorattiv tat-toroq. Madanakollu, il-Kunsillieri huma tal-idea li għal li jmiss, importanti li l-attività tiġi rreklamata aħjar anke permezz ta' *banner* f'Ħal Kirkop, appena wieħed joħroġ mill-mina, fejn jistgħu jarawh ħafna iktar nies. Issemma wkoll li hemm bżonn li ssir xi attrazzjoni ġdida biex jattendu aktar nies.

08.08.02 Il-Viċi Sinku fakkar dwar il-*Party* tal-Milied għat-Tfal li se jsir fl-Iskola Primarja nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2024. Id-data sa meta jistgħu jinkitbu hija it-12 ta' Diċembru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.08.03 Rigward id-diżinn tal-faċċata tal-Kartolina tal-Milied, il-Viċi Sindku informa li l-Kunsill irċieva 3 diżinji mingħand 3 itfal Imqabbin. Id-diżinji tpoġġew fuq il-mejda sabiex jarawhom il-Kunsillieri preżenti fejn wara ddiskutewhom u qablu fuq liema mid-diżinji se jkun fuq il-faċċata tal-kartolina, filwaqt li t-tnejn l-oħra jiġu fuq wara tal-kartolina.

08.08.04 Il-Viċi Sindku fakkar li nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar 2025 se ssir il-Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-Parroċċa tal-Imqabba, u segwita b'Bibita ġewwa l-*Foyer* tal-Iskola Primarja. Is-S.E. infurmat li s'issa għandna l-konferma tal-Kappillan rigward il-Quddiesa, filwaqt li qed naħdmu fuq il-*catering* tal-Bibita. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.08.05 Rigward l-ikla tal-Milied, il-Viċi Sindku fakkar li din is-sena se ssir is-Sibt 11 ta' Jannar 2025 filgħaxija u qal li rridu niddeċidu dwar il-post. Is-S.E. infurmat li hija għandha xi *menus* ta' ristoranti differenti, filwaqt li talbet lill-Kunsillieri biex jekk hemm xi ristoranti li jixtiequ li jiġu kkunsidrati, jgħaddulha d-dettalji tagħhom. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dan u fl-aħħar kien hemm qbil li jkun aħjar li l-*venue* jintgħażel minnhom iktar 'l quddiem.

**08.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

08.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

08.08.02 Is-S.E. infurmat li rigward il-korrispondenza li kien hemm qbil li tintbgħat lill-IM, lill-PA, u lill-BCA dwar applikazzjoni numru PA/06291/24 [*Land, Triq il-Parroċċa, L-Imqabba - Extension to permit PA/01868/22 of first floor level and basement, addition of pool and decking including excavation and reconfiguration of layout at ground floor level*], ġejna infurmati mill-BCA li r-ritratt li għaddejnilhom ma jaqbilx mas-*site inspection* li saret min-naħa tagħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Ghigo se jipprova jġib iktar informazzjoni u/jew ritratti minn angoli differenti sabiex nibagħtuhom lill-*BCA*.

**08.09 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

08.09.01 Is-S.E. infurmat li wara li ppubblikajna iktar minn darba fil-Gazzetta tal-Gvern, it-talba għal stima biex isir Rapport Tekniku dwar Triq il-Konvoj, u ma rċevejna l-ebda stima, fl-aħħar irnexxilna nsibu kumpanija partikolari li toffri dan is-servizz. Min-naħa tal-uffiċċju tlabna lil din il-kumpanija tagħtina stima, u peress li din hija l-unika stima li għandna, se nkunu qed nitolbu direzzjoni lid-Dipartiment jekk nistgħux immexxu b'*direct order* għar-raġunijiet imsemmija hawnhekk. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota ta' dan.

08.09.02 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dwar proposta biex jiġu nstallati 4 arbli b'mod permanenti fi Triq il-Konvoj kantuniera ma' Triq Valletta, fejn ikunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill, mill-NGOs u l-Każini tal-lokal. L-arbli jistgħu jinxtraw mingħand is-Soċjetà stess. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan fejn issemmew diversi punti, fosthom il-mera tat-traffiku li titgħatta bil-bnadar, u l-ispejjeż biex il-Kunsill jixtri u jibdel regolarment 4 bnadar għal fuq dawn l-arbli. Issemma wkoll ir-rapport tekniku li qed

nistennew li jsir għall-istess triq, fejn fuq dan tal-aħħar kien hemm qbil li l-Kunsill ma jikkommettix dwar l-arbli qabel isir l-imsemmi rapport.

08.09.03 Korrispondenza mingħand l-Imqabba Football Club fejn talbu permess biex quddiem il-każin jarmaw it-triq b'dawl dekorattiv tal-Milied. Il-Kunsillieri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni li l-Imqabba Football Club tarma t-triq kif mitlub kif ukoll tħallas għall-konsum tad-dawl.

08.09.04 Stima li rċevejna wara li ppubblikajna t-talba għaliha fil-Gazzetta tal-Gvern, rigward provvista u installazzjoni ta' apparat għal mal-funtana eżistenti fil-Ġnien tal-Mentna. Il-Viċi Sindku ta spjega dettaljata dwar dan ix-xogħol meħtieġ, fejn wara li l-Kunsillieri ddiskutew dwaru, kien hemm qbil li tintbgħat l-ordni għax-xogħol skond l-imsemmija stima, filwaqt li għandna nitolbu lill-istess kuntrattur jagħtina garanzija ta' sentejn.

08.09.05 Korrispondenza mingħand il-qraba tal-mibki resident li kien *blue badge holder* u li kien l-unika persuna li kien juża l-*communal reserved bay for blue badge holders* li hemm quddiem ir-residenza tagħhom fi Triq in-Nazzarenu. Dawn ir-residenti talbu gwida lill-Kunsill dwar x'hemm bżonn isir rigward l-imsemmija *bay*, ladarba min kien jużaha m'għadux magħna. Is-S.E. kkjarifikat li din il-*bay* hija waħda *communal* u mhux *personalized*, u għaldaqstant minkejja li kienet tintuża minn persuna waħda, din xorta ma kienetx tgħajjat lilu biss. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar din il-*bay* u qablu li ladarba l-*bay* hija *communal*, din għandha tibqa' hemm sabiex tintuża minn *blue badge holders* oħra. Kien hemm qbil ukoll li għandna ninfurmaw lit-tali residenti f'dan ir-rigward.

08.09.06 Korrispondenza mingħand resident sabiex issir Parking Bay għall-muturi għaliex meta jipparkja l-mutur f'*parking bay* ta' karozza, iħoss li jkun qed jieħu spazju ta' parkeġġ għal vettura. Min-naħa l-oħra, meta pparjka faċċata tal-*parking bays*, ġie mmultat fuq *parallell parking*. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan u qablu li għandna nitolbuh jindika eżatt fejn qed jissuġġerixxi li ssir l-*MC Bay* għaliex fl-istampi li bgħat, mhux ċar fejn qed jitlob dan.

08.09.07 Korrispondenza mill-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju dwar tal-talba biex itellgħu reċta bl-isem 'Mawra sal-Ġungla' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, fejn il-Kunsill ikun responsabbli mill-ispiża tal-kirja tas-Sala tal-Iskola u mill-kirja tas-*sound*. Il-Kunsillieri preżenti ddiksutew fit-tul dwar dan, fosthom dwar il-ħlas għall-kirja tas-Sala tal-Iskola meta preżentement m'hemmx la dawl u lanqas *sound* jiffunzjonaw u għaldaqstant qed ikun hemm bżonn li dawn jinkrew apparti. Il-Kunsillieri qablu li għandna nikkomunikaw mal-Ministru tal-Edukazzjoni dwar dan, filwaqt li qablu wkoll li m'hemmx oġġezzjoni li l-Kunsill jikkollabora mal-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju rigward ir-reċta msemmija li ser tittella nhar it-22 u t-23 ta' Frar 2025.

**08.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

08.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar il-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fil-Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dwar dan fejn inġibdet l-attenzjoni li dan l-ilment kien diġà ġie diskuss f'laqgħat preċedenti. Il-Kunsillieri qablu li għandna nagħtu ċans sakemm jibdew jiffunzjonaw is-*CCTVs* li ġew installati fil-ġnien riċentement, u mbagħad nimxu minn hemm.

08.10.02 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment sabiex Sqaq Nru 1 fi Triq Valletta, il-parti pubblika tinkesa t-triq, jibnew il-ħitan l-imwaqqgħin u jsiru x-xtabi minn Infrastruttura Malta bħalma

sar f'positjiet oħra. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u kien hemm qbil li l-Viċi Sindku se jipprovdi ritratti li jindikaw il-parti eżatti tal-imsemmi sqaq li jinħtieġ l-imsemmi xogħol sabiex niktbu lil IM dwaru.

08.10.03 Il-Kunsillier Galea semma li hemm żewġ *festa pole covers* madwar ir-*roundabout* ta' Triq il-Konvoj k.m. Triq Karmenu Ciantar, li qed iħabbtu kull x'ħin jgħaddu l-vetturi minn fuqhom u li hemm bżonn li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlulhom ftit *rubber*. Is-S.E. se tinforma lil ħaddiema dwarhom filwaqt li l-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.10.04 Il-Kunsillier Galea ressaq suġġeriment sabiex issir *un/loading bay* fi Triq iċ-Ċavi għall-ispiżerija, fejn issuġġerixxa wkoll li l-*bay* tkun ideali jekk ssir mal-ħajt li hemm fl-istess triq eżattament kantuniera ma' Triq Santa Marija fejn ma ttellifx u ma tiskomodax lir-residenti. Is-S.E. infurmat li jekk ikun hemm qbil mill-Kunsill li ssir il-*bay*, tinbgħat applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' TM, fejn imbgħad l-istess TM timplimentaha hi stess inkluż l-installazzjoni tat-tabella tat-triq li tikkumplimentaha. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandha tinbgħat l-applikazzjoni.

08.10.05 Il-Kunsillier Galea ressaq ilment dwar Ġnien Onġi Onġella li mhux qed ikun mixgħul. Is-S.E. infurmatu li kellu jerġa' jiġi ċċekkjat it-*timer* għaliex riċentement diġà rranġah Lawrence (wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill), apparti li hemm anke xi lampi fl-istess ġnien li nqatgħu u li hemm bżonn li jinbidlu. Is-S.E. se titlob *feedback* lil Lawrence dwar dan.

08.10.06 Il-Kunsillier Galea ġibet l-attenzjoni li hemm parti żgħira minn Triq tas-Sejba, ftit qabel il-*garages*, li niżlet u li hija ta' periklu speċjalment għax-xufiera tal-muturi. Is-S.E. talbitu jibgħat ritratt li jindika l-parti tat-triq eżatt sabiex tkun tista' tibgħat dwarha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

08.10.07 Il-Kunsillier Ghigo ilmenta dwar il-periklu li hemm bil-vetturi li appena jaqbżu r-*road hump* fi Triq tas-Sejba qed isuqu b'mod eċċessiv lejn ir-*roundabout* tal-Mentna. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u qablu li għandna niktbu lil TM biex ir-*road hump* approvata minnhom tiġi nstallata iktar 'l isfel qabel l-*istop sign* biex jiġi kkontrollat is-sewqan eċċessiv ta' ċertu xufiera.

**08.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/08**

08.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/08 ġiet approvata unanimament minbarra *items 1* u *2* fejn il-Kunsillieri preżenti talbu li l-Perit għandu jipprovdi *breakdown* dettaljat li jinkludi pjanti u dokumentazzjoni oħra li turi x-xogħol li wettaq, u mhux biss indikazzjoni ta' kemm siegħat ħadem b'relazzjoni mal-Proġett ta' Ġnien Onġi Onġella kif ukoll mal-Proġett tar-Restawr tal-Isptar il-Qadim.

**08.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

08.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 06 ta' Jannar 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 06 ta' Jannar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Jonathan Dingli**<br>**Viċi Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |